MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru 103/2003

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Ronald Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 435666M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' Lulju 2002 u Awissu 2002 u fiz-zmien ta' wara b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi:

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz

minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioè ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Josanne Cassar u ta' persuni ohra fuq cekk tal-HSBC fuq l-akkont ta' Ms. Josanne Cassar u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9.

2. iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' cekk tal-HSBC fuq l-akkont ta' Josanne Cassar u persuni ohra, illi meta jigi pprezentat wiehed jista' jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur ta' l-Artikoli 167 u 169 tal-Kap 9.

3. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm2,400, bi hsara ghal HSBC, Josanne Cassar, Joseph Said u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9.

4. xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota mibghuta mill-Ufficcjal Prosekutur.

Ikkonsidrat:

Li stante l-mewt tal-imputat fil-mori ta' dawn il-proceduri tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------